# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 247/2020**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Gabriel Saliba**

Illum l-ewwel (1) ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant **Gabriel Saliba**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 458300(L), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-2 ta' Settembru 2019 għal ħabta ta' 18.00hrs fi Triq Martin Luther King, Pembroke:

1. naqas li jobdi l-ordni tal-Pulizija meta ġie avżat bil-fomm jew b'avviż bil-miktub sabiex jattendi l-Għassa tal-Pulizija jew f'xi post ieħor indikat mill-Pulizija sabiex jippreżenta d-dokumenti meħtieġa mill-istess Pulizija;

2. kellu vettura bil-mutur fit-triq, kemm jekk ipparkjata, kemm jekk qed tintuża mingħajr liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida jew permess għaċ-ċirkolazzjoni validu jew diska ta' liċenzja temporanja valida maħruġa mill-Awtorita';

3. ġiegħel, ħalla jew ippermetta vettura bil-mutur jew vettura oħra tinstaq minn persuna mingħajr liċenzja tas-sewqan;

4. uża, ġiegħel jew ħalla lil persuna oħra tuża vettura bil-mutur fit-toroq, kemm-il darba, għall-użu tal-vettura minnu jew minn dik il-persuna l-oħra, skont il-każ, ma tkunx isseħħ polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

5. kellu fil-pussess tiegħu, jew taħt ir-responsabilita' tiegħu, vettura li ma ġietx reġistrata mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputat jiġi skwalifikat mil-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-24 ta' Novembru 2020 fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 355AD(3)(4)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolamenti 3 u 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikoli 15(1)(b) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tiegħu u filwaqt li fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni kkundannatu detenzjoni ta' ġurnata, fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-oħra kkundannatu jħallas multa komplessiva ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2800) liema multa kellha titħallas ratealment permezz ta' sebgħa u sebgħin Euro u sebgħa u sebgħin ċenteżmu (€77.77) fix-xahar, l-ewwel pagament kellu jsir fil-25 ta' Novembru 2020, b'dan li jekk ma jsirx il-ħlas ta' xi waħda mir-rati, l-ammont sħiħ li jkun fadal kien ikun dovut u jitħallas minnufih u, fin-nuqqas ta' tali ħlas, il-bilanċ tal-ammont dovut kellu jkun awtomatikament konvertibbli fi priġunerija mingħajr il-ħtieġa ta'

ebda att ġudizzjarju ieħor. Il-Qorti ssospendiet il-liċenzja tas-sewqan tal-imputat għal żmien ħmistax (15)-il xahar minn nofs il-lejl u *ai termini* ta' Regolament 78 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.18 tal-Liġijiet ta' Malta ordnatlu sabiex immedjatament jgħaddi l-liċenzja tas-sewqan lill-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2020 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-erbgħa u għoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) fl-ismijiet fuq premessi u konsegwentement tillibera lill-appellant mill-akkużi kollha miġjuba kontrih, kif ukoll minn kull piena u ħtija skont il-liġi u, fl-eventwalita' li ma tilqax l-aggravji dwar il-ħtija, tvarja u tirriforma s-sentenza f'dik il-parti tagħha li tirrigwarda l-piena u minflok tordna li l-istess appellant jiġi kkundannat għal dik il-piena aktar xierqa li jogħġobha timponi din l-Onorabbli Qorti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2024, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fl-24 ta' Novembru 2020.

Illi qabel il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu tqis li jkun opportun li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta fl-atti proċesswali u li wassal lill-appellant allura imputat jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Skont l-affidavit ta' **PC 1461 Bray** (*a fol.* 3 *et seq.*) fit-2 ta' Settembru 2019 għall-ħabta tas-6.00pm huwa kien ma' PS 345 Cremona fi Triq Martin Luther King ġewwa Pembroke meta raw mutur u *quad-bike* jinstaqsu bi *speed* eċċessiv fuq il-bankina. Jgħid li Danylo Grybaylo kien qed isuq il-*quad-bike* mingħajr numru tar-reġistrazzjoni li kkonferma li ma kellux liċenzja tas-sewqan u li l-*quad-bike* ma kienx liċenzjat u lanqas kopert b'polza ta' assigurazzjoni. Jgħid li Grybaylo qallu li l-*quad-bike* kien ta' ċertu Gabriel Saliba waqt li l-istess Grybaylo kien qed jagħmel użu minnu. Jgħid li Gabriel Saliba kien ikkuntattjat diversi drabi sabiex imur l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan iżda dan ma kienx mar.

- L-affidavit ta' **PS 345 Cremona** (*a fol.* 5 *et seq.*) huwa fuq l-istess linji tal-affidavit ta' PC 1461 Bray. L-istess informazzjoni tidher ukoll fir-rapport tal-Pulizija (*a fol.* 26 *et seq.*) b'dan pero' li PS 345 Mark Cremona aġġorna dan ir-rapport fid-9 ta' Settembru 2019 fejn żied l-informazzjoni li l-appellant kien ġie ikkuntattjat diversi drabi biex imur l-Għassa ta' San Ġiljan iżda dan naqas li jagħmel hekk.

- **Stephen Cachia** (in rappreżentanza tad-Direttur tat-Trasport – *a fol.* 22 *et seq.*) xehed li fit-2 ta' Settembru 2019 Danylo Grybaylo ma kellu ebda liċenzja tas-sewqan u li filfatt huwa ġab il-liċenzja fil-5 ta' Novembru 2019. Dwar Gabriel Saliba

jgħid li jirriżulta li huwa m'għandu ebda vettura jew *quad-bike* irreġistrati fuq ismu.

- **Isaac Borg** (*a fol.* 30 *et seq.*) qal li kienu ġabu *quad-bike* u *dirt-bike* minn fuq *Facebook* mill-*Marketplace* iżda ma kienx jaf jgħid minn għand min xtrawhom għax kienu għaddew sentejn. Kien aktar speċifiku meta rrisponda fuq id-*dirt-bike* biss u qal li nxtara minn fuq *Facebook*, mill-*Marketplace*. Jgħid li mar għalih *"fil-garaxx ta' Daniel"* u li anke l-*quad-bike* nġieb ukoll mill-istess garaxx.

- **Danylo Grybaylo** (*a fol.* 34 *et seq.*) xehed li l-*quad-bike* kien tal-appellant allura imputat Gabriel Saliba. Jgħid li fil-jum meta użawh il-*quad-bike* kien fil-garaxx tiegħu. Jixhed li kien ġabu bit-*tow-truck* ċertu raġel li ġabu quddiem id-dar tiegħu. Jgħid li kien qiegħed id-dar tax-xhud għaliex l-appellant ma kellux fejn iqegħdu. Jgħid li Saliba xtrah mill-*internet* u staqsieh jekk kienx jista' jżommu fil-garaxx tiegħu. Jgħid li bħala ħabib wieġbu fl-affermattiv u jgħid li qallu (*a fol.* 35): *""Iva, tista' żżommu ġol-garaxx""* u dana peress li kellu garaxx kbir u ma kienx idejqu hemm. Fil-kontro-eżami qal li kien jaf li xtrah fix-xitwa iżda ma ra ebda *logbook* jew xi trasferiment. Huwa qabad u ħadu mill-garaxx mingħajr ma qal lill-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel il-Qorti tibda bl-istħarriġ tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, din il-Qorti tfakkar li hija ma tiddisturbax l-evalwazzjoni tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti jekk minn dawn l-istess provi l-Ewwel Qorti setgħet tasal għal konklużjoni li waslet għaliha. F'dan ir-rigward issir riferenza għas-sentenza mogħtija fis-17 ta' Ġunju 2019 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Apap** (Numru 58/2018) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "In primis, jingħad li hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul

> mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tbiddilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-Ewwel Qorti kienitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni."

**Ikkunsidrat**

Illi fl-<u>ewwel aggravju</u> tiegħu l-appellant jilmenta li m'hemmx prova li hu verament ġie avżat u/jew ikkuntattjat mill-Pulizija sabiex imur l-Għassa ta' San Ġiljan. Jgħid li l-unika prova li nġiebet kien l-affidavit ta' PS 345 Cremona u jisħaq li din il-prova ma tilħaqx il-grad suffiċjenti rikjest fil-kamp kriminali. Jargumenta li mill-affidavit ma jirriżultax jekk dawn il-kuntatti rnexxewx jew le jew kif saru l-kuntatti u li jekk saru bil-miktub allura messha saret prova billi jintwerew d-dokumenti rilevanti. Jgħid li lanqas ma jirriżultaw id-dati ta' meta saru dawn il-kuntatti.

Illi dan l-aggravju jirrigwarda l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellant allura imputat. Dwar din l-imputazzjoni din il-Qorti tinnota li miż-żewġ affidavits li jirriżultaw fl-atti proċesswali u li saret riferenza għalihom aktar 'il fuq f'din is-sentenza jirriżulta li l-appellant kien ikkuntattjat diversi drabi biex imur l-Għassa tal-Pulizija ta' San Ġiljan iżda naqas li jagħmel hekk. Dan jirriżulta wkoll mir-rapport (*a fol.* 26 *et seq.*) redatt minn PS 345 Mark Cremona, liema rapport filwaqt li jagħmel riferenza għal dak li seħħ dakinhar tat-2 ta' Settembru 2019, jirriżulta li ġie aġġornat fid-9 ta' Settembru 2019, liema aġġornament jirriżulta li sar biex jiġi speċifikament reġistrat li l-appellant kien ġie ikkuntattjat diversi drabi sabiex imur l-Għassa tal-Pulizija ta' San

Ġiljan iżda huwa naqas li jagħmel hekk. Minkejja li l-appellant jissottometti li ma ngħabitx prova ta' xi telefonata jew dokument, pero' din il-Qorti tinnota li l-affidavits tal-uffiċjali tal-Pulizija huma biżżejjed. Għal kull buon fini l-Qorti tinnota li anqas sar kontro-eżami tal-Pulizija mill-appellant allura imputat u tinnota wkoll li l-appellant allura imputat għażel li ma jixhidx quddiem l-Ewwel Qorti (kif *del resto* kellu dritt li jagħmel) u b'hekk ħalla mhux kontestat dak li ngħad mill-Uffiċjali tal-Pulizija fl-affidavits tagħhom.

Illi t-trapass ta' żmien bejn meta allegatament seħħew ir-reati in kwistjoni *ossia* fit-2 ta' Settembru 2019 u d-9 ta' Settembru 2019 meta sar l-aġġornament fir-rapport tal-Pulizija jsaħħaħ l-imputazzjoni magħmula mill-Prosekuzzjoni li tassew kienu saru diversi kuntatti mal-appellant. Mill-affidavits tal-Pulizija jirriżulta li minkejja li kienu saru diversi kuntatti mal-appellant allura imputat sabiex huwa jirrikorri l-Għassa tal-Pulizija, huwa naqas li jagħmel hekk. Għalhekk l-ewwel aggravju qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> huwa li m'hemm ebda prova konkreta li l-*quad-bike* huwa proprjeta' tal-appellant. L-appelant jargumenta li r-rappreżentant ta' Transport Malta xehed li ma hemmx *quad-bike* reġistrata f'ismu (f'isem l-appellant) u li min-naħa l-oħra x-xiehda ta' Danylo Grybaylo ma tikkostitwixxiex l-aħjar prova. Jgħid li Grybaylo qal li hu (l-appellant) kien xtara l-*quad-bike* minn fuq l-*internet* u li hu (l-appellant) kien talbu (lil Grybaylo) biex iżommulu fil-garaxx għax ma kellux fejn ipoġġih. Jisħaq li Grybaylo fl-ebda ħin ma ppreżenta xi prova konkreta li tindika li l-*quad-bike* inxtara minnu (mill-appellant). Jgħid li Grybaylo qatt ma ra xi *logbook* u lanqas ma kien jaf kienx hemm xi sid ieħor u li b'hekk Grybaylo kien qed jassumi għaliex wara kollox il-*quad-bike* seta' nxtara minn terza persuna. Jargumenta li Grybaylo qal li l-*quad-bike* ma kienx ittieħed minnu (mill-appellant) għal għandu (għal għand Grybaylo) imma kien ħadu ħaddieħor. Jargumenta wkoll li x-xhud l-ieħor Isaac Borg qal li: *"Bażikament **<u>aħna</u>** xtrajnihom minn fuq Facebook, mill-Marketplace."'* Barra minn hekk

jisħaq li fix-xiehda ta' Isaac Borg qatt ma jissemma hu (l-appellant). Jisħaq li minħabba dan kollu hu ma seta' qatt jinstab ħati tat-tieni (2) u tal-ħames (5) imputazzjoni.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li waqt id-depożizzjoni tiegħu Danylo Grybaylo mal-ewwel wieġeb li l-*quad-bike* huwa ta' Gabriel Saliba. Huwa jgħid li kien ħadu xi raġel bit-*tow-truck* għaliex l-appellant ma kellux fejn iqegħdu. Kien l-appellant li għarraf lil dan ix-xhud li xtrah mill-*internet* u Danylo Grybaylo bħala ħabib offra li jżommu fil-garaxx tiegħu. Saħansitra kien jaf li l-*quad-bike* kien inxtara fix-xitwa. Din hija prova li l-appellant kien il-proprjetarju tal-*quad-bike* għax hija xiehda diretta ta' x'intqal mill-appellant lix-xhud u hija xiehda għal kollox ammissibbli.

Illi l-appellant jirreferi għal dak li xehed Isaac Borg għaliex jitkellem fil-plural u juża l-kelma *"xtrajniehom"*. Dwar dan din il-Qorti tinnota li meta Borg ġie mistoqsi kienx jaf jgħid minn għand min inxtraw, huwa wieġeb fin-negattiv b'dan illi f'dan l-istadju l-Ewwel Qorti ntervjeniet u wissiet lix-xhud li kellu jgħid il-verita'. Il-Prosekuzzjoni staqsietu fuq id-*dirt-bike* u Borg qal li dan ġabu mill-*Facebook*, mill-*Marketplace* iżda li mar għalih fil-garaxx ta' Danylo f'Pembroke. Din il-Qorti tinnota li ma jfissirx li meta dan Isaac Borg uża l-kelma *"xtrajniehom"* li hu kien qed jitkellem ukoll fuq il-*quad-bike* li wara kollox huwa ma kienx riekeb fuqu. Kien Danylo Grybaylo li kellu l-informazzjoni dwar il-provenjenza tal-*quad-bike*. Il-Qorti tikkunsidra li x-xiehda ta' Danylo Grybaylo tindika ċar li l-appellant kien il-proprjetarju tal-*quad-bike* u li l-Prosekuzzjoni ppruvat dan l-element lil hinn minn kull dubju raġonevoli. Għalhekk il-Qorti qed tiċħad it-tieni aggravju wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-<u>tielet aggravju</u> l-appellant jissottometti li ma nġabet l-ebda prova li hu għamel użu mill-*quad-bike* u wisq anqas li ġiegħel, ħalla jew ippermetta l-użu tiegħu. L-appellant jiċħad dan kollu. Jisħaq li mix-xiehda ta' Grybaylo jirriżulta li hu (l-appellant) lanqas kien biss ħa l-*quad-bike* għand Grybaylo għax marret terza

persuna. Jargumenta li l-Prosekuzzjoni lanqas ma ppruvat li b'xi mod l-appellant ħalla jew ippermetta l-użu tal-*quad-bike*. Jgħid li Grybaylo xehed li kien qabad u ħa l-*quad-bike* mingħajr permess ta' ħadd.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta li l-appellant kien talab lil Danylo Grybaylo (li nqabad isuq il-*quad-bike* in kwistjoni) biex iżommlu l-*quad-bike* għaliex l-appellant ma kellux fejn iżommu. Jiġi nnutat li minkejja li Danylo Grybaylo xehed li huwa ma talab ebda permess dakinhar li nqabad bil-*quad-bike*, iżda huwa fatt li l-appellant kien ħalla l-*quad-bike* f'idejn Danylo Grybaylo meta l-appellant kien jaf li dan il-*quad-bike* lanqas biss kien irreġistrat u lanqas kien hemm polza ta' assigurazzjoni. Irriżulta mill-provi li dan lanqas biss ma kien irreġistrat mix-xiehda tal-Uffiċjal ta' Transport Malta u li l-appellant ħalla l-*quad-bike* f'idejn persuna li, bla sorveljanza ta' xejn, seta' jaqbad u jsuqu. Ma tagħmel ebda differenza jekk il-*quad-bike* twassalx minn terza persuna jew le. Għaldaqstant, it-tielet aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi r-raba' aggravju huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti li skont l-appellant hija waħda eċċessiva. Jisħaq li l-Ewwel Qorti ma tat l-ebda piż li l-fedina penali tiegħu hija waħda nadifa u li għalhekk kellu jitqies bħala *a first time offender* u jisħaq ukoll li huwa mhuwiex kriminal u li mhuwiex affattu bniedem refrattarju.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tinnota li fis-sentenza appellata, l-appellant weħel is-segwenti:

- detenzjoni ta' ġurnata;
- multa komplessiva ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2800);
- sospensjoni tal-liċenzja tas-sewqan għal ħmistax (15)-il xahar.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha.

Illi wara li din il-Qorti ħadet konjizzjoni ta' dak li jiddisponu l-liġijiet rilevanti fir-rigward tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellant ġie misjub ħati mill-Ewwel Qorti, liema sejbien ta' ħtija ma ġietx varjata minn din il-Qorti, din il-Qorti jidhrilha li minkejja li l-fedina penali aġġornata tal-appellant hekk kif eżebita quddiem din il-Qorti hija waħda kompletament nadifa, pero' fir-rigward tal-multa hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat jirriżulta li din hija fil-parametri tal-liġi u żgur mhijiex fil-massimu tagħha. Dan qed jingħad aktar u aktar meta jiġi kkunsidrat li l-piena taħt Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta waħidha għandha minimum ta' multa ta' elfejn, tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) u massimu ta' erbat elef, sitt mija u tmienja u ħamsin Euro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu (€4658.75) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa u l-priġunerija flimkien. Jirriżulta li l-piena komplessiva erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat hija dik ta' elfejn u tmien mitt Euro (€2800). Għalhekk ma jidhirx li hemm xi raġuni għala din il-multa għandha tinbidel. Lanqas ma tista'

tinbidel il-kundanna ta' jum detenzjoni għall-ewwel (1) imputazzjoni u dana meta jiġi kkunsidrat dak imsemmi fl-artikolu tal-liġi li minnu temani l-imputazzjoni msemmija. Għaldaqstant ir-raba' aggravju qed jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Gabriel Saliba u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi t-termini hemm imsemmija għandhom jibdew jgħaddu millum u jiġi speċifikat li f'każ li l-appellant jagħżel li jħallas il-multa imposta fil-konfront tiegħu f'rati mensili, l-ewwel pagament hekk kif imsemmi fis-sentenza appellata għandu jsir fit-2 ta' Frar 2024.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**